



Dokument ta' sessjoni

B9-0080/2023

16.1.2023

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli tal-Proċedura

dwar ir-risposta tal-UE għall-protesti u l-eżekuzzjonijiet fl-Iran (2023/2511(RSP))

Ryszard Antoni Legutko, Anna Fotyga, Charlie Weimers, Witold Jan Waszczykowski, Veronika Vrecionová, Bogdan Rzońca, Elżbieta Rafalska, Ryszard Czarnecki, Assita Kanko, Carlo Fidanza, Alexandr Vondra, Andżelika Anna Możdżanowska, Joachim Stanisław Brudziński, Hermann Tertsch, Elżbieta Kruk, Jan Zahradil, Adam Bielan, Denis Nesci, Dominik Tarczyński, Zbigniew Kuźmiuk, Valdemar Tomaševski
f'isem il-Grupp ECR

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-risposta tal-UE għall-protesti u l-eżekuzzjonijiet fl-Iran (2023/2511(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iran, b'mod partikolari dik tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar il-mewt ta' Mahsa Jina Amini u r-repressjoni tad-dimostranti favur id-drittijiet tan-nisa fl-Iran¹, dik tas-17 ta' Frar 2022 dwar il-piena tal-mewt fl-Iran², dik tat-8 ta' Lulju 2021 dwar il-każ ta' Ahmadreza Djalali fl-Iran³, dik tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-Iran, b'mod partikolari l-każ ta' Nasrin Sotoudeh, ir-rebbieħa tal-Premju Sakharov 2012⁴, dik tad-19 ta' Settembru 2019 dwar l-Iran, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tan-nisa u ċ-ċittadini tal-UE b'ċittadinanza doppja miżmuma prigunieri⁵ u dik tad-19 ta' Diċembru 2019 dwar it-trażżin vjolenti tal-protesti reċenti fl-Iran⁶,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Kelliem tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà fis-7 ta' Jannar 2023 dwar l-aktar eżekuzzjonijiet reċenti u fid-19 ta' Settembru 2022 dwar il-mewt ta' Mahsa Amini,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-10 ta' Jannar 2023 mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem Volker Türk dwar ir-rispett għall-ħajja u l-ilħna tal-Iranjani u s-smiġħ tal-ilmenti,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-esperti tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU fit-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-eżekuzzjoni ta' dimostrant u fit-22 ta' Settembru 2022 dwar il-mewt ta' Mahsa Amini,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2428 tat-12 ta' Diċembru 2022 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran⁷, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/584 tat-12 ta' April 2021 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran⁸ u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/585 tat-12 ta' April 2021 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti

¹ Testi adottati, P9_TA(2022)0352.

² ĠU C 342, 6.9.2022, p. 286.

³ ĠU C 99, 1.3.2022, p. 175.

⁴ ĠU C 445, 29.10.2021, p. 121.

⁵ ĠU C 171, 6.5.2021, p. 17.

⁶ ĠU C 255, 29.6.2021, p. 69.

⁷ ĠU L 318 I, 12.12.2022, p. 1.

⁸ ĠU L 124 I, 12.4.2021, p. 1.

persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran⁹,

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem¹⁰ u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 tas-7 ta' Diċembru 2020 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem¹¹, li stabbiliet ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem (l-Att Magnitsky tal-UE),
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
 - wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra tal-1984,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
- A. billi Mahsa Amini, mara Iranjana-Kurda ta' 22 sena, ġiet arrestata fit-13 ta' Settembru 2022 talli allegatament kienet liebsa l-ħiġab b'mod "mhux kif suppost"; billi hija sfat imsawta waqt li kienet taħt kustodja u għaldaqstant, mietet tlett ijiem wara, fis-16 ta' Settembru 2022; billi ma saritx investigazzjoni xierqa dwar il-mewt tagħha;
- B. billi għexieren ta' Iranjani niżlu fit-toroq madwar il-pajjiż kollu biex jipprotestaw kontra l-mewt ta' Mahsa Amini; billi l-mexxejja u l-awtoritajiet Iranjani wisew li kienu se jieħdu azzjoni ħarxa u deċiżiva kontra dawk li jieħdu sehem fil-protesti; billi l-forzi tas-sigurtà rreaġixxew b'mod eċċessiv u sproporzjonat, u użaw munizzjon attiv, pistoli tal-pellets u gass tad-dmugħ kontra d-dimostranti;
- C. billi l-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem Volker Türk iddikjara li l-proċedimenti kriminali u l-piena tal-mewt qed jintużaw bħala arma biex irażżnu lil min ma jaqbilx mal-gvern u jikkastigaw lin-nies talli eżerċitaw id-drittijiet bażiċi tagħhom u li dawn fil-fatt huma qtil sanzjonat mill-istat;
- D. billi Mohsen Shekari ġie mgħallaq fit-8 ta' Diċembru 2022, inqas minn tliet xhur wara l-arrest tiegħu, u kien l-ewwel dimostrant magħruf li ġie ġġustizzjat uffiċjalment; billi Majid Reza Rahnavard ġie mgħallaq ma' krejn fil-pubbliku fit-12 ta' Diċembru 2022, inqas minn xahar wara l-arrest tiegħu, u kien it-tieni dimostrant magħruf li ġie ġġustizzjat uffiċjalment; billi Mehdi Karami u Sayed Mohammad Hosseini ġew mgħallqa fis-7 ta' Jannar 2023, madwar xahrejn wara l-arrest tagħhom; billi skont l-avukat ta' Hosseini, il-klijent tiegħu ġie ttorturati b'mod sever qabel l-eżekuzzjoni tiegħu;
- E. billi l-protesti komplew minkejja l-azzjonijiet brutali ta' trażżin min-naħa tal-awtoritajiet Iranjani, li jinkludu l-għeluq tal-internet u restrizzjoni severa tal-pjattaformi tal-media

⁹ ĠU L 124 I, 12.4.2021, p. 7.

¹⁰ ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1.

¹¹ ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 13.

soċjali Instagram, Whatsapp u LinkedIn; billi bord ta' sorveljanza għall-impriża omm ta' Facebook qal li l-pjattaforma żbaljat meta neħħiet messaġġ bi slogan komuni ta' protesta kontra l-mexxej tal-Iran; billi skont rapporti nqatlu aktar minn 500 dimostrand, fosthom 70 tifel u tifla, u aktar minn 19 200 ġew arrestati, inklużi studenti, attivisti politiċi, ġurnalisti, atleti u persuni famużi;

- F. billi matul il-protesti, ħafna nisa neħħew il-ħiġab jew qatgħu xagħarhom bi protesta kontra l-mewt ta' Mahsa Amini; billi fl-1983 ġie impost l-obbligu li jintlibes il-velu fl-Iran; billi minn dak iż-żmien 'l hawn, in-nisa ġew iffastidjati, arrestati, miżmuma l-ħabs, ittorturati, imsawta u maqtula għal ksur tal-liġi tal-ħiġab;
- G. billi l-protesti għaqqdu sfondi reliġjużi u etniċi differenti u qed jitmexxew minn ħafna attivisti studenti u nisa u rġiel edukati, urbani u tal-klassi medja fl-età bejn l-għoxrin u t-tletin sena li esprimew appoġġ għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tan-nisa; billi l-protesti u l-istrajks f'aktar minn 100 università nbidlu f'dimostrazzjonijiet fit-toroq madwar il-pajjiż, hekk kif l-istudenti telqu mill-kampusijiet u ngrahqu mal-protesti;
- H. billi fit-30 ta' Settembru 2022, il-Ministeru Iranjan tal-Intelligence u s-Sigurtà (MOIS) iddikjara li kien arrestita disa' persuni barranin, fosthom ċittadini Ġermaniżi, Pollakki, Franċiżi, Taljani, Netherlandiżi u Żvediżi għall-involviment allegat tagħhom fil-protesti; billi l-MOIS iddikjara li kien qed isegwi mill-qrib l-ambaxxati barranin li l-aġenti tagħhom allegatament kienu involuti fil-protesti reċenti u wissa lid-diplomatiċi Ġermaniżi, Franċiżi, Brittaniċi u Żvediżi, fost oħrajn; billi wħud minn dawk li ġew arrestati nħelsu; billi ċ-ċittadini b'ċittadinanza doppja Ewropea-Iranjana għadhom qed jiġu arrestati, jiġu soġġetti għal proċessi inġusti, jinżammu f'reklużjoni u jiġu kkundannati abbażi ta' akkużi foloz u vagi ta' spjunaġġ;
- I. billi fl-10 ta' Jannar 2023, l-Iran żied is-sentenza għall-ħaddiem umanitarju Belġjan Olivier Vandecasteele minn 28 sena ħabs għal 40 sena ħabs flimkien ma' 74 daqqa ta' frosta; billi s-sentenza nġhatat wara li l-oġġla qorti tal-Belġju ssuspendiet trattat bilaterali kontroversjali dwar skambji ta' priġunieri li kien se jippermetti lid-diplomatiku Iranjan Assadollah Assadi, ikkundannat għal attentat ta' terroriżmu fil-Belġju, jintbagħat lura lejn ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran bi skambju mal-libertà ta' Olivier Vandecasteele; billi Olivier Vandecasteele ġie arrestat fl-24 ta' Frar 2022 fuq akkużi vvintati, fosthom spjunaġġ fuq l-Iran, kooperazzjoni mal-Istati Uniti kontra l-Iran, kuntrabandu tal-munita u ħasil ta' flus; billi huwa rrapportat li Olivier Vandecasteele qed jappella l-verdett;
- J. billi l-protesti fl-Iran wasslu għal żieda fis-sorveljanza u l-intimidazzjoni mis-servizzi tal-intelligence Iranjani kontra d-dijaspora Iranjana fl-Istati Membri kollha, bi ksur ċar tad-drittijiet ċivili taċ-ċittadini tal-UE;
- K. billi l-qrati Iranjani, b'mod partikolari l-qrati rivoluzzjonarji, regolarment jonqsu milli jipprovdu proċessi ġusti u jaċċettaw ammissjonijiet ta' ħtija miksuba permezz tat-tortura bħala evidenza fil-qorti; billi b'mod regolari, l-awtoritajiet jillimitaw ukoll l-aċċess tad-detenuti għal avukat, b'mod partikolari matul il-perjodu ta' investigazzjoni; billi l-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) huwa inkluż fil-lista ta' sanzjonijiet tal-Istati Uniti għall-involviment tiegħu fi ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem;
- L. billi, skont rapporti, kull sena bejn 400 u 500 mara fl-Iran jisfaw maqtula brutalment,

vittmi ta' "qtil tal-unur"; billi skont il-Kodiċi Penali Iranjan, f'ċerti ċirkostanzi l-"qtil tal-unur" huwa permess mingħajr penali; billi sikwit ma ssir l-ebda ġustizzja man-nisa u l-irġiel li kontribom ikunu twettqu reati f'isem l-"unur";

- M. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran qed tiddeterjora dejjem aktar, u l-esperti tan-NU esprimew allarm dwar iż-żieda fil-persekuzzjoni abbażi tar-reliġjon u tat-twemmin; billi membri ta' minoranzi etniċi u reliġjużi fl-Iran jiffaċċjaw arresti arbitrarji u għajbien furzat; billi l-Insara tal-Iran, li jammontaw għal madwar 500 000, isofru diskriminazzjoni mifruxa, minkejja li jikkostitwixxu anqas minn 1 % tal-popolazzjoni Iranjana; billi l-Insara li jipprattikaw u l-Musulmani li jikkonvertu għal twemmin ieħor jissograw il-persekuzzjoni; billi minoranzi reliġjużi oħra, bħall-Baha'i u s-Sufi Yarsani, ukoll jiffaċċjaw persekuzzjoni; billi persuni Musulmani biss għandhom aċċess għall-biċċa l-kbira tal-impjiegi mal-gvern;
- N. billi Ebrahim Raisi, li ġie elett bħala l-President tal-Iran f'Ġunju 2021 u jinsab fil-lista ta' sanzjonijiet tal-Istati Uniti, qabel kien serva bħala l-kap tal-ġudikatura Iranjana, minkejja li kellu rekord dokumentat sew ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem; billi r-rebħa ta' Ebrahim Raisi tfasslet mill-istituzzjonijiet tar-Repubblika Iżlamika f'elezzjonijiet li ma kinux kompletament ħielsa jew ġusti; billi 7 biss minn 592 kandidat irċevew l-approvazzjoni mill-Kunsill tal-Gwardjani biex joħorġu għall-presidenza; billi l-ebda kandidat ma kien mara, persuna minn grupp ta' minoranza jew persuna b'fehmet opposti għal dawk tar-reġim;
- O. billi matul il-mandat ta' Ebrahim Raisi bħala kap tal-ġudikatura Iranjana mill-2019 sal-2021, mill-inqas tliet priġunieri politiċi ġew iġġustizzjati, bosta nqatlu l-ħabs jew mietu minħabba nuqqas ta' attenzjoni medika u ħafna f'Tehran u Shiraz ingħataw sentenzi tal-mewt; billi ġew irrappurtati diversi każijiet ta' tortura fir-rigward ta' priġunieri politiċi u ta' dawk detenuti matul il-protesti; billi Ebrahim Raisi serva wkoll bħala membru ta' "bord tal-mewt" li wettaq eżekuzzjonijiet sommarji ta' sa 5 000 priġunier politiku fl-1988;
- P. billi ċ-ċittadin Żvediż-Iranjan Dott. Ahmadreza Djalali ġie arrestat f'Ottubru 2017 wara li żar l-Iran biex jattendi workshops dwar il-mediċina f'każ ta' diżastru; billi Dr Djalali ġie kkundannat għall-mewt fl-Iran fuq akkużi foloz ta' spjunaġġ u qed jiffaċċja eżekuzzjoni imminenti; billi huwa kien soġġett għal pressjoni enormi u għamel ammissjonijiet ta' ħtija foloz wara li ġie ttorturat; billi xi problemi mediċi żammewh milli jiekol kif suppost, u b'hekk tilef ħafna piż; billi d-detenzjoni tiegħu ntużat bħala lieva mill-Iran fin-negozjati tiegħu mal-komunità internazzjonali u mal-awtoritajiet Żvediżi u Belġjani;
- Q. billi fit-12 ta' Diċembru 2020, il-ġurnalist Ruhollah Zam ġie ġġustizzjat fl-Iran; billi huwa kien qed jgħix f'eżilju fi Franza, nasbuh biex imur l-Iraq u ġie estradit illegalment lejn l-Iran biex jġi ġġustizzjat;
- R. billi fit-12 ta' Settembru 2020, l-awtoritajiet Iranjani ġġustizzjaw lill-wrestler Navid Afkari wara li xlewh b'akkużi li huwa ċaħad; billi ħutu, Vahid u Habib, għadhom il-ħabs u ngħataw sentenzi twal; billi fit-23 ta' Awwissu 2022 ġie rappurtat li Vahid Afkari kien ġie mhedded b'sentenza tal-mewt;
- S. billi fis-27 ta' Settembru 2022 ġie rappurtat li l-grupp ta' attivisti hackers Anonymous

kien kiseb dokumenti mill-Bank Nazzjonali tal-Iran li wrew li r-Repubblika Iżlamika kienet ħaslet somom kbar ta' flus permezz ta' individwi korrotti fl-Ewropa;

- T. billi fit-8 ta' Jannar 2023, żewġ irġiel Iranjani ġew detenuti fil-Ġermanja wara li kienu suspettati li kienu qed jippjanaw attakk fuq il-Ġermanja b'sustanzi kimiċi fatali taħt id-direttiva tal-IRGC, u dan jikkostitwixxi ksur dirett tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi u att potenzjali ta' terroriżmu sponsorizzat mill-Istat kontra Stat Membru;
- U. billi fit-28 ta' Settembru 2022, il-militar Iranjan spara kważi mitt missila u vara droni suwiċida kontra bażijiet militari li jappartjenu lill-Partit Demokratiku Kurd tal-Iran fil-Kurdistan Iraqi, attakk li ħalla 13-il persuna mejta u 58 midruba;
- V. billi d-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti ddikjara li l-Iran baqa' l-iktar stat li jippromwovi t-terroriżmu fid-dinja f'dawn l-aħħar snin, u offra appoġġ politiku, finanzjarju, operattiv u loġistiku lil diversi gruppi li huma mniżżla kemm fil-lista tat-terroristi tal-UE kif ukoll fil-lista tal-Istati Uniti ta' organizzazzjonijiet terroristiċi barranin;
- W. billi fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta regolament li jistabbilixxi r-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem; billi fil-15 ta' April 2019, l-Istati Uniti kklassifikaw lill-IRGC bħala organizzazzjoni terroristika barranija; billi l-appoġġ favur l-inklużjoni tal-IRGC fil-lista ta' terror tal-UE żdied fl-Ewropa;
- X. billi fis-26 ta' Settembru 2022, il-kumpanija Starlink ta' Elon Musk attivat is-servizz broadband satellitari tagħha fl-Iran wara li l-Istati Uniti ppermettew lill-kumpaniji privati joffru aċċess għall-internet mingħajr ċensura lill-pajjiż matul il-protesti attwali; billi l-aċċess miftuħ għall-internet isegwi l-attivazzjoni ta' Starlink fl-Ukrajna wara l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; billi l-Iran ipprovda lir-Russja bi droni biex jintużaw fil-gwerra tagħha kontra l-Ukrajna f'dik li kienet irrappurtata bħala quid pro quo għax-xiri ta' ajruplani tal-ġlied avanzati Russi Sukhoi Su-35 biex l-Iran jaġġorna l-qawwa tal-ajru militari tiegħu, li qed tiqdiem;
- Y. billi n-negozjati dwar it-tiġdid tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK) għadhom ma ġewx sospiżi b'mod uffiċjali; billi għadhom għaddejjin taħditiet dwar l-investigazzjoni li nbdiet mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika wara li sabet traċċi ta' uranju fi tliet siti mhux iddikjarati fl-Iran;
- Z. billi l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna wasslet għal approfondiment fir-relazzjonijiet bejn Tehran u Moska; billi f'dan il-kuntest, kien hemm rapporti ta' skema possibbli sabiex ir-Russja tevita s-sanzjonijiet kontriha permezz ta' skema ta' "tpartit" li biha Tehran jirċievi żejt Russu talli l-Iran ibiġh iż-żejt Russu lill-klijenti tar-Russja, u ta' sforzi konġunti oħrajn biex tevadi s-sanzjonijiet internazzjonali;
- AA. billi l-15 ta' Jannar 2023 huwa t-tielet anniversarju minn meta l-IRGC attakka ajruplan tal-passiġġieri Ukren b'żewġ missili mill-wiċċ għall-ajru u qatel il-176 persuna abbord, waqt li l-qraba tal-vittmi għadhom ma ġewx ikkumpensati;
- 1. Jiddeplora l-eżekuzzjonijiet ta' Mohsen Shekari, Majid Reza Rahnavard, Mehdi Karami u Sayed Mohammad Hosseini u jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tagħhom;

2. Jikkundanna b'qawwa l-fatt li l-proċedimenti kriminali u l-piena tal-mewt qed jintużaw bħala armi mir-reġim Iranjan biex irażżnu lid-dissidenti u biex jikkastigaw lil dawk li jeżerċitaw id-drittijiet bażiċi tagħhom; jenfasizza li l-eżekuzzjoni tad-dimostranti mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran tammonta għal qtil sanzjonat mill-istat; jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jeħilsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lil dawk kollha friskju ta' eżekuzzjoni u lil dawk arrestati talli pparteċipaw fil-protesti mal-pajjiż kollu;
3. Jikkundanna b'qawwa ż-żieda allarmanti fl-użu tal-piena tal-mewt mill-awtoritajiet Iranjani kontra dimostranti, dissidenti u membri ta' gruppi ta' minoranza bħala parti mill-abbuż min-naħa tal-Iran tas-sistema tal-ġustizzja kriminali biex joħnoq attivitajiet paċifiċi li jipromwovu u jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jieqfu immedjatament milli japplikaw il-piena tal-mewt u jaħdmu favur l-abolizzjoni tagħha;
4. Jikkundanna bil-qawwa t-trażżin vjolenti tad-dimostranti min-naħa tal-awtoritajiet Iranjani; jiddispaċi li dawn wasslu biex xi persuni ndarbu u oħrajn tilfu ħajjithom, u jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-vittmi u lill-familji tagħhom; jistieden lill-awtoritajiet Iranjani joqogħdu lura milli jużaw forza sproporzjonata kontra d-dimostranti paċifiċi u jenfasizza li l-allegazzjonijiet serji kollha ta' vjolenza kontra d-dimostranti jridu jiġu investigati bir-reqqa u b'mod indipendenti;
5. Jesprimi l-appoġġ tiegħu lill-istudenti u lin-nisa żgħażaġħ Iranjani li qed imexxu l-protesti u jieħu sehem fihom, minkejja d-diffikultajiet u r-riperkussjonijiet personali li qed iħabbtu wiċċhom magħhom; jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa fl-Iran u jiddeplora l-fatt li n-nisa huma obbligati jilbsu velu kontra r-rieda tagħhom, altrimenti jissograw atti ta' tpattija vjolenti jew saħansitra l-mewt; jitlob li jintemmu l-liġijiet diskriminatorji u r-rekwiżiti tal-ilbies għan-nisa fl-Iran, inkluż l-obbligu tal-ħiġab; jiddeplora l-mewt ta' Mahsa Amini u jitlob li ssir investigazzjoni fil-pront, imparzjali u effikaċi dwar il-mewt tagħha minn awtorità kompetenti indipendenti f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali;
6. Jitlob li jinħelsu l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u l-priġunieri ta' kuxjenza oħra kollha detenuti illegalment fl-Iran, u jitlob li l-akkużi kollha kontrihom jitwaqqgħu; itenni l-appoġġ tiegħu għall-aspirazzjonijiet tal-poplu Iranjan li jixtieq jgħix f'pajjiż liberu, inklużiv u demokratiku li jirrispetta l-impenji nazzjonali u internazzjonali tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;
7. Jesprimi tħassib serju dwar il-każ tal-ħaddiem umanitarju Belġjan Olivier Vandecasteele fl-Iran u jitlob li jinħeles b'mod immedjat u mingħajr kundizzjonijiet u jiġi ripatrijat lejn il-Belġju; jesprimi tħassib ulterjuri dwar l-arresti rrappurtati ta' ċittadini Ewropej fl-Iran u t-theddid pubbliku mill-Ministeru Iranjan tal-Intelligence u s-Sigurtà kontra l-ambaxxati tal-Ġermanja, Franza, il-Gran Brittanja u l-Iżvezja, fost oħrajn; jikkundanna b'qawwa l-politika Iranjana ta' diplomazija bl-ostaġġi u jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet ta' ċittadini Ewropej u ta' dawk b'ċittadinanza doppja kollha u li l-akkużi kollha kontrihom jitwaqqgħu;
8. Jikkundanna ċ-ċensura u l-interruzzjonijiet tal-internet mill-awtoritajiet Iranjani bħala parti mill-kampanja ta' repressjoni tagħhom kontra l-protesti; jilqa' l-attivazzjoni ta' Starlink fl-Iran u d-deċiżjoni tal-Istati Uniti li jippermettu lill-kumpaniji privati joffru

aċċess għall-internet mingħajr ċensura lill-pajjiż waqt il-protesti ta' bħalissa; ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-kumpaniji Ewropej jieħdu passi simili biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-internet fl-Iran;

9. Itenni l-kundanna qawwija tiegħu għad-deterjorament kontinwu tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, inkluż u b'mod speċjali għall-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi reliġjużi u etniċi, minħabba diskriminazzjoni politika, ekonomika, soċjali u kulturali sistematika; jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jeliminaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontra persuni li jappartjenu għal minoranzi, kemm jekk rikonoxxuti uffiċjalment kif ukoll jekk le, u jirrispettaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-minoranzi etniċi u reliġjużi inkluża l-libertà tal-kuxjenza, sabiex ikun jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet sħaħ tagħhom fuq l-istess bażi bħal ta' ċittadini kollha;
10. Jesprimi tħassib serju għal Ahmadreza Djalali, Vahid Afkari u dawk kollha li qed jinsabu l-ħabs illegalment fl-Iran; itenni t-talba tiegħu biex dawn jinħelsu mingħajr kundizzjonijiet u jitwaqqgħu l-akkużi kollha miġjuba kontri hom; jitlob li l-awtoritajiet Iranjani jiżguraw li d-drittijiet tal-priġunieri u ta' dawk arrestati jkunu mħarsa f'kull mument, inkluż li jirċievu kura medika adegwata u aċċess sħiħ għall-familji tagħhom u għal avukati tal-għażla tagħhom; itenni s-sejħiet tiegħu lill-Iran biex jilqa' t-talbiet għal żjarat minn rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet internazzjonali; jitlob lill-awtoritajiet Iranjani jieqfu jheddu l-familja ta' Ahmadreza Djalali fl-Iran u fl-Iżvezja;
11. Jikkundanna b'qawwa l-attakk mhux provokat mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika fil-Governorat ta' Erbil fl-Iraq u jenfasizza li attakki indiskriminati bħal dawn jheddu lil ċivili innoċenti u lill-istabbiltà tar-reġjun; jiddenunzja l-fatt li r-reġim Iranjan huwa responsabbli għall-mewt ta' mijiet ta' eluf ta' ċivili fl-Iran, is-Sirja, il-Jemen u l-Iraq;
12. Jesprimi d-diżappunt u t-tħassib serju tiegħu li l-Kummissjoni setgħet iffinanzjat jew ikkofinanzjat kampanji ta' trivjalizzazzjoni tal-ilbies tal-velu Iżlamiku, inkluża l-kampanja tal-Kunsill tal-Ewropa kkofinanzjata mill-Kummissjoni li ddikjarat li "is-sbuħija tinsab fid-diversità bħalma l-libertà tinsab fil-ħiġab"; ihegġegħ lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jevitaw li jiffinanzjaw kwalunkwe kampanja futura li tista' tippromwovi l-ħiġab Iżlamiku jew li tista' tagħmel pressjoni ta' kwalunkwe xorta fuq in-nisa u l-bniet Musulmani b'mod li jħossuhom obbligati jilbsuh;
13. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem (l-Att Magnitsky tal-UE) bħala strument importanti għall-UE biex tissanzjona lil dawk li jiksru d-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kunsill jimponi aktar sanzjonijiet fuq uffiċjali Iranjani li wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem kontra d-dimostranti jew li kienu responsabbli għal eżekuzzjonijiet u detenzjonijiet arbitrarji ta' ċivili Iranjani, barranin u persuni b'ċittadinanza doppja;
14. Jistieden lill-Kunsill iħejji miżuri ffokati kontra l-IRGC u jinkludih fil-lista tat-terror tal-UE;
15. Jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) Josep Borrell u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jenfasizzaw li kwalunkwe titjib fir-relazzjonijiet ekonomiċi mal-Iran isir bil-kundizzjoni li l-Iran iwaqqaf l-abbużi serji tiegħu tad-

drittijiet tal-bniedem; jistieden ukoll lill-VP/RGħ jissospendi n-negozjati kollha dwar il-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt fid-dawl tal-imġiba ostili ta' Tehran fir-reġjun u globalment;

16. Jikkundanna b'qawwa l-forniment ta' droni lir-Russja mingħand l-Iran, għall-gwerra ta' aggressjoni illegali u mhux ġustifikabbli tar-Russja kontra l-Ukrajna; jisħaq li r-Repubblika Iżlamika qed tikkontribwixxi għad-delitti tal-gwerra fl-Ukrajna, peress li dawn l-armi qed jintużaw f'attakki kontra ċ-ċivili u l-infrastruttura ċivili; jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-176 passiġġier li kienu fuq ajruplan ċivili Ukren li ġew attakkati u maqtula mill-missili tal-IRGC;
17. Jitlob li ssir investigazzjoni indipendenti dwar ir-rwol ta' Ebrahim Raisi f'delitti kontra l-umanità, li jinkludu qtil, għajbien furzat u tortura;
18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Mexxej Suprem tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, lill-President tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran u lill-Membri tal-Kunsill tar-Rappreżentanti Iranjan.